

31994R0399

25.2.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 54/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 399/94
tal-21 ta' Frar 1994
dwar miżuri speċifiċi għall-għeneb immixxef**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi għeneb immixxef jiffaċċja diffikultajiet tal-*marketing* avolja għandu applikabbli għalih għajna għall-produzzjoni u miżuri ta' protezzjoni tal-konfini; billi dawn id-diffikultajiet huma attribbwati fil-biċċa l-kbira għad-deterjorazzjoni gradwali fil-kompetittività tal-prodott; fil-waqt, sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata, miżuri għandhom jiġu implimentati għat-titjib fil-kwalità u fil-*marketing*;

Billi, in vista tal-kondizzjonijiet għall-produzzjoni, ħażna u pproċessar fir-reġjun ewlieni li jipproduċi għeneb immixxef, l-ewwel minn dawn l-għanijiet jista' jinkiseb biss permezz ta' stħarriġ professjonali għal dawk impjegati fis-settur u billi jiġu żviluppati proċeduri aktar effettivi sabiex jitkomplew l-operazzjonijiet li jseħħu wara li l-prodott jiġi maħsud; barra min hekk, fehma aħjar tal-*marketing channels* tgħin biex jiffokaw il-kontrolli fuq iż-żieda fil-bejgħ ta' għeneb immixxef prodott fil-Komunità;

Billi l-iskop tal-miżuri hekk maħsuba huwa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat; billi għandhom jiġu hekk ikkunsidrati bħala miżuri ta' interventzjoni disinjati biex jirregolaw is-suq; billi l-stħarriġ professjonali u l-miżuri għall-promozzjoni għandhom jiġu ffinanzjati mit-tfaddil magħmul bħala riżultat ta' l-applikazzjoni tal-*withholding rates* imsemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1206/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jwaqqaf regoli ġenerali għas-sistema ta' għajna għall-produzzjoni ta' frott u ħxejjex ipproċessati ⁽⁴⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kwalità u l-promozzjoni ta' għeneb immixxef prodott fil-Komunità u kopert

⁽¹⁾ ĠU C 211, tal-5.8.1993, pġ. 20.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-8 ta' Frar 1994 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU C 352, tat-30.12.1993, pġ. 29.

⁽⁴⁾ ĠU L 119, tal-11.5.1990, pġ. 74.

mill-Kodiċi NM 0806 2011, 0806 20 12, 0806 20 91 u 0806 20 92 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4.

Il-miżuri għandhom jinkludu:

— għar-rigward ta' kwalità:

- (a) miżuri għal stħarriġ professjonali;
- (b) miżuri biex jitjiebu l-kondizzjonijiet ta' ġarr u ħażna;
- (c) miżuri għaż-żvilupp tekniku ta' parametri ġodda għall-kwalità u klassifikazzjoni u għall-iżvilupp ta' proċeduri effettivi għat-twettieq ta' operazzjonijiet ta' tnixxif, tindif, għażla u ħażna fl-azjenda jew fl-impjant;

— għar-rigward ta' promozzjoni:

- (d) studju tas-suq Ewropew;
- (e) programm ta' informazzjoni li jiffoka fuq in-natura speċifika tal-prodott tal-Komunità u bbażat fuq ir-riżultati tal-miżuri msemmija aktar 'il fuq.

Artikolu 2

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jitwettqu minn gruppi rappreżentattivi b'membri fi friegħi differenti ta' l-industrija u joffru assigurazzjoni li l-miżuri proposti jiġu implimentati kif suppost. Ir-rappreżentanza tal-gruppi tkun iġġudikata skond l-għan li jrid jintlaħaq.

Madankollu, il-miżuri msemmija f'punti (d) u (e) jistgħu jitwettqu mill-Kummissjoni.

2. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi sa 70 % lejn l-iffinanzjar tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1.

Madankollu, fil-każ tal-miżuri msemmija f'punti (a), (d) u (e) ta' l-Artikolu 1, din il-kontribuzzjoni tista' tiżdied sa 90 %, 100 % u 100 % rispettivament.

Artikolu 3

L-ispiża li tirriżulta mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 titqies bħala spiża ta' l-intervent maħsuba biex tirregolarizza s-swieq ta' l-agrikoltura fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament

tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 fuq l-iffinanzjar tal-politika komuni dwar l-agrikoltura ⁽¹⁾. Għandha tiġifinanzjata mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-FAEGG.

l-24 ta' Frar 1986 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti proċessati mill-frott u ħxejjex ⁽²⁾.

Artikolu 4

Għandhom jitwaqqfu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura li għaliha sar provvediment fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 ta'

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Frar 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS

⁽¹⁾ ĠU L 94, tat-28.4.1970, pġ. 13. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2048/88 (ĠU L 185, tal-15.7.1988, pġ. 1).

⁽²⁾ ĠU L 49, tas-27.2.1986, pġ. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1569/92 (ĠU L 166, ta' l-20.6.1992, pġ. 5).